

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 677/2009

tas-27 ta' Lulju 2009

dwar il-ftuħ ta' sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni fil-Portugall tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 144 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-obbligi internazzjonali tal-Komunità fil-kuntest tan-negozjati multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj ⁽²⁾, il-Komunità ħadet l-impenn li timporta fil-Portugall ċerta kwantità ta' qamħirrum,
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall ⁽³⁾ stabbilixxa regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni tas-sejħiet għall-offerti.
- (3) Fid-dawl tal-qagħda tas-suq fil-Portugall, jeħtieġ li tinfetaħ sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni tal-qamħirrum, biex il-kwota tal-importazzjoni tintuża għal kollox.

- (4) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ressaqx fehmto fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għandha ssir sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju msemmi fl-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għall-qamħirrum importat fil-Portugall.
2. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

Artikolu 2

Is-sejħa għall-offerti hija miftuħa sas-17 ta' Diċembru 2009. Matul il-perjodu tas-sejħa, għandhom isiru sehiet parzjali li għalihom id-dati tat-tressiq tal-offerti huma ffissati bl-avviż tas-sejħa.

Artikolu 3

Il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa fil-kuntest ta' din is-sejħa għall-offerti għandhom ikunu validi għal ħamsin jum mid-data li jinħarġu, skont it-tifsira tal-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57.